# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 24 ta' Mejju, 2001**

**Numru 10**

**Cit. Nru. 2115/00 GCD**

**Target Trading Limited**

**Vs**

**Silvio Catania**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, tmien mija u erbatax-il lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm1,814.91c), prezz ta' servizzi ta' "computer supplies" u "Hi-Fi Unit" mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta` attrici u debitament accettati mill-istess konvenut, skond prospett (Dok. "A"), datat 11 ta' Jannar, 2000, rilaxxjat mis-socjeta` attrici fir-rigward ta' l-istess konvenut; kif ukoll l-imghaxijiet sal-hlas effettiv;

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jaddivjeni ghall-pagament, huwa baqa' ghal kollox inadempjenti;

U illi d-debitu fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u ghaldaqstant fil-fehma tas-socjeta` attrici huwa l-kaz illi dina l-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dana a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Talbet illi din il-Qorti:

1. tghaddi sabiex tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dana a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, tmien mija u erbatax-il lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm1,814.91c), prezz ta' "computer supplies" u "Hi-Fi Unit" mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut mis-socjeta` attrici; kif ukoll l-imghaxijiet sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Ittra ufficjali tal-11 ta' Frar, 2000, kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Patrick Cutajar u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa’ ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm